MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 65/2006

Joseph Formosa u Maria Assunta
Sive Mary Farrugia għan-nom u bħala
Leġittimi eredi tal-mejta xebba
Maria Anna Spiteri .

Vs

Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex .

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li permezz tiegħu r-rikorrenti wara li ppremettew :

Illi huma l-werrieta ewlenija tal-mejta Maria Anna Spiteri u dan kif jirriżulta mit-testment datat erbatax (14) ta' Lulju ta' l-elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997) fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech hawn anness u mmarkat bħala Dokument "A" .

Illi fl-att tal-mewt tar-Reġistru Pubbliku ta' Maria Anna Spiteri, omm Maria Anna Spiteri jiġifieri l-mejta Carmela Spiteri, hawn esebit u mmarkat bħala Dokument "B" huwa żbaljat, kunjom xbubitha taħt il-ħames kolonna taħt l-intestatura "Isem u Kunjom il-Ġenituri" u l-istess japplika fl-att tat-twelid tar-Reġistru Pubbliku tal-mejta Marianna Spiteri hawn esebit u mmarkat bħala Dokument "C" taħt is-sitt kolonna taħt l-intestatura "Isem u kunjom u post tat-twelid ta' l-omm" u dana peress li jirrifletti l-istess żball hawn fuq premess ;

Illi l-esponenti qed jesebixxi l-fidi tal-magħmudija ta' Maria Anna Spiteri rilaxxjat mill-Knisja Parrokkjali tal-Għarb, Għawdex hawn anness u mmarkat bħala dokument "D", u wkoll l-att taż-żwieġ tar-Reġistru Pubbliku tal-istess mejta Carmela Spiteri hawn esebit u mmarkat bħala Dokument "E" taħt it-tieni kolonna "Isem u Kunjom, kif ukoll iċ-ċertifikat tal-mewt ta' l-isptar hawn esebit u mmarkat bħala Dokument "F" li kollha juru li kunjom xbubitha ta' omm il-mejta Marianna Spiteri, ċioe' l-mejta Carmela Spiteri huwa "MIZZI" u mhux "GALEA" .

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din il-Qorti :

1) Tordna, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, l-korrezzjoni tal-att tal-mewt ta' Marianna Spiteri (Dokument B) fis-sens illi taħt l-intestatura "Isem u Kunjom il-Ġenituri" u l-att tat-twelid (Dokument C) ta' l-istess mejta Marianna Spiteri taħt l-intestatura, "Isem u kunjom u post tat-twelid ta' l-omm" l-istess kunjom xbubitha ta' Carmela Spiteri l-kunjom "GALEA" għandu jiġi kkanċellat u sostitwit bil-kunjom "MIZZI" ;

2) Konsegwentament tikkundanna lill-konvenut nomine jagħti lill-atturi nomine kopja tal-istess att tat-twelid u att tal-mewt ta' l-istess Marianna Spiteri kif korrett .

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-istess konvenut nomine għas-subizzjoni .

Rat id-dokumenti esebiti mar-rikors, u ċioe' bħala dokument "A" ta' Maria Anna Spiteri, bħala dokument "B", ċertifikat tal-Mewt ta' Maria Anna Spiteri maħruġ mir-Reġistru Pubbliku ; bħala dokument "C" ċertifikat tat-Twelid ta' Maria Anna Spiteri maħruġ mir-Reġistru Pubbliku; bħala dokument "D" kopja tal-fidi tal-magħmudija rilaxxjat mill-Knisja Parrokkjali tal-Għarb, Għawdex; bħala dokument "E" ċertifikat taż-żwieġ maħruġ mir-Reġistru Pubbliku bejn Michele Spiteri u Carmela Spiteri nee' Mizzi ; u bħala dokument "F" kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' l-istess Maria Anna Spiteri .

Rat ukoll riferta pożittiva tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku li ġġib id-data tad-dsatax ta' Lulju 2006 .  Innotat illi l-istess konvenut baqa' kontumaċi .

Il-Qorti, wara li rat id-dokumenti esebiti ma' dan ir-rikors, li minnhom jirriżulta illi t-talbiet attriċi huma ġustifikati, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talbiet attriċi, u

1) Tordna l-korrezzjoni tal-att tal-mewt ta' Marianna Spiteri fis-sens illi taħt l-intestatura "Isem u Kunjom il-Ġenituri" u l-Att tat-twelid (Dokument C) ta' l-istess mejta Marianna Spiteri taħt l-intestatura, "Isem u kunjom u post tat-twelid ta' l-omm" l-istess kunjom xbubitha ta' Carmela Spiteri l-kunjom "GALEA" qed jiġi kanċellat u sostitwit bil-kunjom "MIZZI" .

2) Konsegwentament tikkundanna lill-konvenut jagħti lill-atturi kopja tal-istess att tat-twelid u att tal-mewt ta' l-imsemmi Marianna Spiteri kif ikkoreġuti .

Minħabba n-natura tal-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------